# GĦANDHOM IL-KRISTJANI JOBDU LILL-GVERN?

Minn
George Ebejer

L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jgħid hekk,

> "*Kull bniedem għandu jobdi lil l-awtorità ta' fuqu. Ma hemmx awtorità jekk mhix ġejja minn Alla; u l-awtoritajiet li hemm, qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla. Għalhekk, dawk li jeħduha kontra l-awtorità jkunu qegħdin jeħoduha kontra l-ordni ta' Alla; u dawk li joħ-duha kontra Alla, ikunu qegħdin jiġbdu l-kundanna fuqhom infushom*" (Ruma-ni 13:1-2).

L-appostlu Pietru, ukoll b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jgħid,

> "*Għal l-imħabba tal-Mulej issottomettu ruħkom għal kull istituzzjoni tal-bnedmin, kemm għas-sultan bħala l-aqwa wieħed, u kemm għall-gvernaturi, li hu qiegħed biex jikkastigaw lil min jagħmel il-ħażin u jfaħħru lil min jagħmel it-tajjeb*" (1 Pietru 2:13-14).

Il-Kristjani għandhom ikunu ċittadini li jobdu u jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż li fih huma jgħixu. Ukoll jekk huma jistgħu jaħdmu taħt awtoritajiet li jiggvernaw jew xi ħadd ieħor li jħaddem, huma mistennija li jkunu "*sottometti għas-sidjien tagħkom bir-rispett*

*kol-lu, mhux biss għal dawk li huma twajba u ġwejdin, imma lill-ħorox ukoll*" (1 Pietru 2:18; Efesin 6:5-8). Il-Kristjani jirrispettaw l-uffiċċju, ukoll meta l-okku-pant ta' dak l-uffiċċju jista' jkun ta' fama ħażina, kif kien fiż-żmien taċ-Ċesri Rumani meta dawn l-istruzz-jonijiet ispirati kienu mogħtija.

Imma hemm okkażjonijiet meta jkun hemm konflitt bejn l-ordnijiet ta' awtorità li tkun qed tiggverna u dawk ta' l-awtorità għola ta' Kristu li għandu "*awto-rità kollha fis-sema u fuq l-art*" (Mattew 28:18). Huwa prinċipju magħruf sewwa u aċċettat li l-ordnijiet ta' uffiċjal superjuri jieħdu preċedenza fuq dawk ta' awtorità inferjuri. Għalhekk, meta ordni minn awtorità umana tkun f'konflitt ma' dik ta' Kristu, ikun

> "*jeħtieġ li nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Hekk qalu l-appostli lill-awtoritajiet Lhud meta huma kienu pprojbiti milli jippridkaw fl'isem ta' Kristu. Kristu aktar qabel kien ikkmanda lil l-appostli tiegħu biex imorru jippridkaw kullimkien (Mattew 28:19). Din ma kinetx dilemma għalihom—huma kienu jafu fejn il-lealtà tagħhom tinsab fuq din il-ħaġa partiku-lari, u bla dubju huma hekk qalu!

Imqiegħda fuq sitwazzjoni bħal dik ta' l-appostli, il-korsa tagħna ta' azzjoni hija ċara. Aħseb dwar l-azz-joni ta' l-għassiesa tas-Sultan Sawl meta hu ordnahom biex joqtlu lill-qassisin talli żammew lil David—huma rrifjutaw li jobduh (1 Samwel 22:17). Aħseb dwar it-tlitt iħbieb li rrifjutaw li jobdu l-ordni tas-Sultan Neb-ukadnessar biex jitbaxxew quddiem

idolu (Danjel 3: 12-30). Aħseb dwar Ġużeppi minn Arimateja, memb-ru tal-Kunsill Lhudi li kkundanna lil Ġesù għall-mewt —Ġużeppi "*ma kienx qabel mal-fehma u l-egħmil tagħhom*" (Luqa 23:50-51).

Meta Kristjani jkunu ffaċċjati b'ordni mill-awtorità li tkun qed tiggverna li tkun f'konflitt mal-liġi ta' Kristu, huma:

> "*jeħtieġ li nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.
www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com